MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-20 ta' Novembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 38/2024 LM

**Atlas Insurance PCC Limited (C 5601) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Stephen Wellman (K.I. nru. 466082M) sija bil-polza u sija bil-liġi, u l-istess Stephen Wellman**
*('l-appellanti')*

***vs.***

**S. & T. Services Limited (C 22882)**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Atlas Insurance PCC Limited kif issurrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Stephen Wellman (K.I. nru. 466082M), sija bil-polza u sija bil-liġi, u l-istess Stephen Wellman**, [minn issa 'l

quddiem 'l-appellanti'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal tal-Arbitraġġ fi ħdan iċ-Ċentru Malti dwar l-Arbitraġġ [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fl-24 ta' April, 2024, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], li ddeċidiet it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tas-soċjetà intimata **S.&T. Services Limited (C 22882)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'], kif ġej:

> *"Tenut kont ta' dak kollu li ntqal l-arbitru sottoskritt qed jiddeċiedi billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari sollevati, jiċħad it-talba tar-rikorrenti fil-mertu in kwantu kien jaħti hu unikament għall-inċident li seħħ u danni konsegwenzjali li ġarrab ir-rikorrent.*
>
> *In vista tal-fatt li d-diversi eċċezzjonijiet preliminari ġew miċħuda, l-ispejjeż ta' dina l-istanza għandhom jiġu sopportati ugwalment bejn il-partijiet."*

**Fatti**

2. Permezz tal-avviż tat-talba ppreżentat mir-rikorrenti, huma spjegaw li kienu qegħdin jippretendu l-ħlas ta' ħdax-il elf u ħames mitt Euro (€11,500) rappreżentanti danni in segwitu għal inċident stradali li seħħ fit-18 ta' Diċembru, 2020 ġewwa ż-Żurrieq, bejn il-vettura bin-numru WLM002 misjuqa minn u proprjetà tal-assigurat tas-soċjetà rikorrenti Stephen Wellman, u t-*trailer* numru TR 175 proprjetà tas-soċjetà intimata, wara li spjegaw li għal dan l-inċident kienet responsabbli s-soċjetà intimata. Ir-rikorrenti speċifikament talbu lit-Tribunal jiddikjara li s-soċjetà intimata hija responsabbli għall-inċident stradali msemmi, u sabiex jillikwida d-danni fis-somma ta' €11,500, u jikkundanna lill-intimata għall-ħlas ta' dan l-ammont, flimkien mal-imgħaxijiet legali u spejjeż oħra.

3. Is-soċjetà intimata wieġbet li hija qatt ma ftiehmet li tassoġġetta ruħha għall-ġurisdizzjoni tat-Tribunal, u lanqas m'hija applikabbli fil-konfront tagħha l-proċedura tal-Arbitraġġ Mandatorju. Qalet li fi kwalunkwe każ, fit-18 ta' Diċembru, 2020 hija ma kienet involuta f'ebda inċident stradali, jew f'xi kolliżjoni bejn il-vetturi, u li ma kienet qed issuq l-ebda vettura meta seħħ l-inċident stradali bejn il-vettura bin-numru WLM 002 u t-*trailer* numru TR 175, kif allegat mir-rikorrenti. Kompliet tgħid li hija ma kellha l-ebda responsabbilità għall-inċident in kwistjoni, li ġara unikament u bi ħtija tas-sewwieq tal-vettura bin-numru WLM 002 minħabba negliġenza, traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti. Qalet li għalhekk it-talbiet fil-konfront tagħha huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż. Fir-risposta tagħha żiedet tgħid ukoll, li t-Tribunal għandu jiċħad it-talba tar-rikorrenti kif diretta kontra tagħha għall-ħlas ta' €11,500 rappreżentanti danni allegatament sofferti mir-rikorrenti fl-inċident li seħħ fit-18 ta' Diċembru, 2020 fi Triq San Martin, kantuniera ma' Triq Sant'Agata, iż-Żurrieq. Is-soċjetà intimata ressqet oġġezzjonijiet speċifiċi għat-talbiet tar-rikorrenti billi qalet li t-Tribunal m'għandux il-kompetenza li jisma' dawn il-proċeduri in kwantu ma jikkonkorrux l-elementi meħtieġa bir-Raba' Skeda tal-Kap. 377, kif ukoll għaliex l-artikolu 15(11) tal-Att dwar l-Arbitraġġ u l-paragrafu 1.2 tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Att jiksru l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u huma nulli u mingħajr effett. Qalet ukoll li fil-mertu, it-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, kif ukoll li hija m'għandha l-ebda responsabbilità għall-inċident stradali in kwistjoni u m'għandha tħallas xejn.

## Id-Deċiżjoni Appellata

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fl-24 t'April, 2024, it-Tribunal iddeċieda li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"V. <u>KUNSIDERAZZJONI</u>*

1. *Il-każ jirrigwarda inċident stradali li seħħ nhar it-18 ta' Diċembru, 2020, ġewwa ż-Żurrieq, bejn il-vettura bin-numru WLM-002 misjuqa minn u proprjetà ta' Stephen Wellman, u assigurata ma' Atlas Insurance PCC Ltd., u t-trailer bin-numru TR 175 proprjetà tas-soċjetà intimata.*

2. *<u>Stephen Wellman (depożizzjoni seduta 29 ta' Marzu, 2022)</u> xehed li dakinhar tal-inċident kien qed isuq Renault Captur WLM-002. Ikkonferma dak li qal fil-*vehicle accident report. *Kien telaq miż-Żurrieq, niżel Triq Sant'Agata u sar l-inċident.*

   *Kif niżel Triq Sant'Agata, hemm* roundabout *impinġija mal-art u hemm* give way *minn fejn kien ħiereġ. Kien fil-karreġġata tal-*give way*, ħareġ u daħal fit-*trailer*. It-*trailer *kien wieqaf u stazzjonat fil-kantuniera tal-*give way*, u kien rasu mal-*give way*. Kien ftit ċentimetri 'l bogħod mill-kantuniera. Qal li hu fil-*give way *naqqas biex jara hux ġejjin karozzi. Fil-*give way *ma waqqafx. Mill-*give way *kiser lejn ix-xellug, it-*trailer *kien mimli* bricks*. Kien karru miftuħ u mhux* trailer*. Meta ħabat ċempel lill-pulizija u warden u għamel sagħtejn jistenna l-warden. Il-ħin tal-inċident kien fit-8pm u kien dlam u ma kienx hemm dawl, u l-karru ma kienx fid-dawl. Il-karozza kellha danni fil-*windscreen*, pilastru tal-passiġġier u s-saqaf. Hu ħa ritratti u għandu jeżebihom b'nota. Ikkonferma l-ħsarat murija fir-ritratti esebiti. Għaraf il-firma tiegħu fis-*subrogation form *eżebita bħala fotokopja. Ħallas* excess *ta' mitt Euro (€100.00). Il-karozza ħaditha l-assigurazzjoni u ħallsitu €14,500. Meta ħareġ mill-*give way *kien għaddej b'xi 10-20kfs. Dakinhar tal-inċident ma kienx hemm* tower crane*, għax it-*tower crane *twaħħal dis-sena. Qal li llum għadda minn din it-triq fejn sar l-inċident u hemm karru ieħor bil-*bricks*.*

   *<u>In kontroeżami</u> qal li kien id-dlam. Kellu dawl normali tal-karozza mixgħul. F'dik il-kantuniera ma kienx hemm dawl tat-triq. Ma jafx hemmx dawl fit-triq, ma jagħtix każ. Fil-*give way *naqqas u ħares lejn il-lemin u x-xellug. Ma qabilx mal-isketch*

*eżebit. Hemm bankina mat-triq. Il-karru kellu s-saqajn mal-art, xi metru u nofs, u kien elevat mill-art.*

*Meta ħares lejn ix-xellug ma kienx hemm* trailer*. Hu mess ix-xewka tat-*trailer*. Il-livell tal-kantuniera u tat-*trailer *kien għoli daqs il-karozza tiegħu, u ħadlu s-saqaf u qabadlu s-saqaf. Bl-amment ma jafx hemmx dawl. Il-karozza kienet ilha għandu sitt xhur u xtraha xi €15,000 jew €16,000.00 irid jivverifika. Ivvalutawha €14,500. Iffirma l-*log book *tal-*insurance *u l-karozza ħaduha tal-insurance.*

*Ir-rikorrent kompla jixhed (<u>depożizzjoni tal-1 ta' Ġunju, 2022</u>) fejn esebixxa Dok. SW1 u SW2 li huma* "aerial shots" *minn* Google maps *li niżżel hu. Immarka b'linja blu fuq Dok. SW1 it-trajettorja tiegħu, u malli ġie fuq il-*"give way" *seħħ l-inċident. Esebixxa wkoll Dok. SW3 u SW4 li huma ritratti li ħa hu eżatt wara l-inċident. Immarka b'kaxxa fuq Dok. SW1 fejn kien it-*trailer*, u dan b'referenza għar-ritratti Dok. SW3 u SW4. Il-parti tar-rokna ta' rasu tat-*trailer *kienet fuq id-*dotted line*. Esebixxa wkoll Dok. SW5, SW6 u SW7 li ħa riċentement biex juri t-triq Sant Agata minn fejn kien ġej. Il-bankina li tidher wara l-vann blu fid-Dok. SW7 dak iż-żmien ma kinitx hemm kif jidher fid-Dok. SW3, u għalhekk hu kien imġenneb mal-ħajt. Esebixxa Dok. SW8 li juri l-ħsara fil-vettura tiegħu.*

*Dwar l-isketch tal-warden jgħid li dan kien impinġi ħażin, għaliex il-vettura ma kinitx ħarġet iżda kienet għadha bil-quddiem tiegħu fuq il-*"give way"*. Apparti minn dan l-isketch jinkludi "*give way*" waħda meta fil-fatt hemm tnejn. Ma qabilx mal-angolatura tal-*"give way" *fl-isketch.*

3. *<u>Melvin Agius (depożizzjoni seduta tad-29 ta' Marzu, 2022)</u> qal li t-*trailer *TR 175 huwa ta' S.&T. Services Ltd., fit-18 ta' Diċembru, 2020 kellhom klijent RZ Ltd., li hi kumpannija ta' kostruzzjoni. Dak iż-żmien ma kienx jaħdem mal-kumpannija. RZ kien jixri l-*bricks *u huma burdnara jieħdu l-*bricks *ħdejn it-*tower crane*. Ma jafux min kien ix-xufier. It-*trailer *isuqu wieħed mix-xufiera tagħhom ċioe S.&T. Services Ltd. RZ kienu jibagħtuh f'sit fejn kien hemm it-*tower crane*, però f'dan il-każ ma kienx f'dak is-sit. Biex jinstaq it-*trailer *xi ħadd irid jaqbdu biż-żiemel biex jieħdu fuq il-post u jħalli t-*trailer *hemm. F'dak iż-żmien kien hemm xi seba' minn nies isuqu ż-żiemel, u kollha impjegati mad-ditta. In kontroeżami qal li t-*trailer *mhux bilfors jinstaq biż-żiemel tagħhom. Dak iż-żmien kienu qed jagħmlu konsenji fejn it-*tower crane *ta' RZ. Hu mar fuq il-post fit-triq li hemm imniżżla. Ipprova jkellem lill-klijent. It-triq hija triq oħra, xi 300 metru bogħod minn fejn hemm imsemmi. Fejn qed jgħidu li kien it-*trailer*, sa fejn jaf hu ma kellhomx. Meta mar, mar jara l-*

*post. Mar jara l-post għall-ħabta ta' nofs Frar, 2021 wara li rċieva telefonata, għax sa dakinhar ma kienu jafu b'xejn. It-*trailer *ma sablu ebda ħsara.*

*Ma hemmx spjegazzjoni kif it-trailer kien madwar 300 metru bogħod minn fejn qalu. It-trailer m'għandux magna u ma jinstaqx waħdu u trid iġġorru. Beda jaħdem mas-soċjetà intimata fil-15 ta' Jannar, 2021.*

4. *Mark Micallef (depożizzjoni l-1 ta' Ġunju, 2022) xehed li jaħdem bħala* motor vehicle surveyor *mal-kumpannija Atlas Insurance u ilu jagħmel dan ix-xogħol għal dawn l-aħħar 29 sena.*

   *Tqabbad jagħmel survey fuq il-vettura WLM-002 tal-marka Renault Captur. Din kellha danni strutturali ta' natura pjuttost kbira fuq in-naħa tal-pilastru tax-xellug kif jidher fir-ritratti bil-kulur, Dok. MM1 (sitt paġni) kif ukoll Dok. MM1 p. 7, p. 8 u p. 9 li huwa s-*survey report*. Il-*pre-accident market value *tal-karozza kien ta' erbatax-il elf u ħames mitt Euro (€14,500). Ir-*wreck value *stmah fuq tlett elef Euro (€3,000) u irnexxielhom jiġbru dan l-ammont, u jibqa' l-ammont ta' ħdax-il elf u ħames mitt Euro (€11,500). Il-karozza ddikjarata* total loss.

5. *Kurt Saliba,* claims handler *ma' Atlas Insurance minn Novembru, 2018, (depożizzjoni tat-22 ta' Settembru, 2022) xehed li l-vettura WLM-002 kienet assigurata ma' Atlas fuq bażi* fully comprehensive. *Esebixxa bħala Dok. KS1 l-*insurance schedule, *u KS2 il-*logbook.

   *Iċ-ċifra mitluba hi abbażi tas-*survey, *ċioe maċ-ċifra ta'€14,500 (erbatax-il elf u ħames mitt Euro), tnaqqas ir-*wreck value *ta' €3,000 (tlett elef Euro) u €100.00 (mitt Euro)* excess, *u baqa' bilanċ ta' €11,500 (ħdax-il elf u ħames mitt Euro). Esebixxa Dok. KS3,* discharge form, *Dok. KS4, ir-*wreck recovery, *u Dok. KS5 l-*excess.

   *In kontroeżami qal li d-Dok. KS1 hi s-*schedule *maħruġa minn Atlas. Il-karozza ma kienx ilha ħafna barra, ftit ġimgħat jew xahar. Ma jafx x'tip kienet il-karozza, hix* automatic *u affarijiet simili.*

   *In ri-eżami pprometta li jesebixxi polza oħra li tkopri d-data tal-inċident. Qal li fil-bidu hu ħejja l-*claim, *ċioe għamel proċess normali ta' meta tinfetaħ* claim. *Jgħid li ġab polza b'oħra illum, u ma kinitx dik li tkopri d-data tal-inċident, u għalhekk kien qal li ma kienx hemm polza oħra.*

6. Duty Officer *409 Christopher Cutajar (depożizzjoni 30 ta' Novembru, 2022) esebixxa l-*prime note *Dok. CC1. Jgħid li dan għamlu hu, kif ukoll l-isketch.*

*Ikkonferma l-kontenut tiegħu. Id-Dok. A inħareġ mill-uffiċċju u hu ma jkunx jaf bih. Ir-ritratti ħadhom il-kollega tiegħu Patrick Attard CO 160. Il-vettura WLM-002 kellha ħsara fil-*windscreen *u s-saqaf fuq in-naħa tal-passiġġier. In-*number plates*, numri ħadhom hu, sija tal-vettura WLM-002 kif ukoll tal-karru. In* *<u>kontro-eżami</u>* *qal li r-rapport jiffirmawh bin-numru tax-xhud. Il-kitba fir-rapport hi tax-xhud. Jgħid li l-WLM-002 ħareġ minn Triq San Martin. Qal li jista' jkun li rrapportawlu mod u sab triq oħra. Mhux dejjem ma jiktbux l-isem tagħhom. Qal li suppost jiktbuh. In-numru tar-rapport ma bidlux hu, iżda mill-uffiċċju. Bidlu n-numru li kiteb hu. Jgħid li xi ħadd mill-uffiċċju ingassah u niżżel numru ieħor. Meta jidħol ir-rapport fuq ir-radju, jindikalu n-numru li niżżel hu.* Traffic Accident Report *ingassata, mhux hu għamilha, lanqas ma huma kitba tiegħu l-ittri AM. AM għalih ma tfisser xejn. Dik it-triq hi mudlama. Ma jiftakarx x'dawl kien hemm. Lid-driver staqsieh x'ġara u x'ma ġarax u niżżel dak li qallu. Jgħid li hu ma staqsiehx kellux dawl mixgħul għax mhux dmir tiegħu, u kien qed jissuġġerilu jekk jagħmel hekk. Kieku qallu li kellu d-dawl mixgħul kien iniżżilha. Lanqas ma qallu li kien dlam. Ma qallux xi speed kellu. Dak li qallu hu miktub. Minn fejn ħareġ il-WLM* hemm give way sign *u* T-junction. *Ir-*roundabout *hi impinġija mal-art.*

*<u>Ri-eżami:</u> It-*trailer *kienet ipparkjata eżatti fil-kantuniera.*

7. *Glenn Mercieca (depożizzjoni 30 ta' Novembru, 2022)* Claims Manager*, Atlas Insurance, xehed li kien assessja l-*claim*, ra x'inhuma d-danni u d-dinamika tal-inċident, u wara ddeċidew li jirreferu l-każ lil-*Legal Office*. Meta jgħid iddeċidew, kien hu u dak li fil-grad jiġi s-superjur tiegħu Joseph Cortis. Esebixxa Dok. GM1 li hi s-*schedule *li turi li Wellman kien assigurat magħhom dakinhar tal-inċident.*

   *Id-Dok. GM2 huwa l-invoice li juri li l-ħlas sar. Stephen Wellman hu assigurat tramite Aplus Holding Ltd, aġenti tagħhom, u Stephen Wellman iħallas lill-aġenzija u huma jiddebitaw lill-aġenzija. Referibbilment għad-Dok. KS3, 4 u 5 direttament fuqhom m'għamel xejn. Li għamel qablu fuq l-ammont li kellu jitħallas ta' €14,500.00 lill-assigurat Stephen Wellman. Wara r-*wreck *inbiegħ għal €3,000.00 u fadal bilanċ ta' €11,500.00. Il-klijent ħallas €100.00 bħala* excess*, u l-bilanċ ta' €11,400.00 ħallsuh huma.*

   *In <u>kontroeżami</u> l-klijent xtara l-karozza* second hand*, vettura tal-2017. Mhix prassi li jistaqsi lill-klijent kemm xtara l-vettura, għax huma jinteressahom il-*market value*. Il-vettura ġiet reġistrata fl-20 ta' Novembru, 2020 skont il-*log book*, tliet ġimgħat qabel l-inċident. Ma jafx kemm ilu bil-liċenzja tas-sewqan. Il-*market value *jiġi stabbilit permezz ta' proċess sħiħ, ċioe hemm il-*guide book *flimkien ma'*

*Joseph Cortis. Jista' jara l-*guide book *xi jgħid u pprometta li jesebih f'seduta oħra. Żgur li Cortis kien ikkomunika miegħu verbalment, u mhux neċessarjament saret* file note. *Il-valur jibqa' fl-aħħar mill-aħħar il-kelma tal-klijent. Però hemm kundizzjonijiet fil-polza dwar il-valur tas-suq. Din il-karozza ġiet mill-Ingilterra. Hemm* "combination" *ta' fatturi li jiddeterminaw il-valur, fosthom il-*mileage *u s-sena tal-manifattura. Il-*mileage *u sena ta' manifattura qegħdin fil-log book esebit. Ma jafx minn fejn inxtrat. Ma jidhirlux li jistaqsu jekk il-vettura kinitx involuta f'inċident ieħor, u mhux possibbli tiddetermina. Ipprometta li jesebixxi kopja tal-*proposal form*.*

*Skont id-dokument ir-*wreck *inbiegħet lil Fredu Auto Parts. Vetturi jinbiegħu separatament bħala* wreck*. Is-*surveyor *Mark Micallef iddetermina r-*wreck value. *Ma jafx x'sar minnha l-vettura llum. Joseph Cortis huwa* motor surveyor *u* mechanical engineer*.*

8. *Joseph Cortis (depożizzjoni 18 ta' Jannar, 2023) xehed li hu* Claims Manager*, li jinkludi* motor claims *ma' Atlas Insurance. Hu kwalifikat fl-inġinerija,* automative engineer*. Apparti Atlas jagħmel xogħol privat ta'* surveyor *u* motor engineer*, u ġieli jitqabbad mill-Qorti bħala espert fil-*motor engineering*. Bħala proċedura kull* "total loss" *jawtorizzaha, irrispettivament mill-valur. Jirċievi s-*survey report*, minn Mark Micallef f'dan il-każ, u jara r-rapport. Ikun ra r-report. Hu jivverifika l-kundizzjoni tal-karozza u sena ta' manifattura, u jaraha biss mir-ritratti, u jara d-dettalji tas-*survey*. Waħda mill-affarijiet li jkun ivverifika huwa l-*pre-accident market value*. Il-vettura kellha tliet snin u 15,366 mili. Qal li din ġiet minn barra,* second hand*. Qal li dan il-mileage huwa relattivament baxx għal karoza ta' tliet snin. L-ammont ta' €14,500 (erbatax-il elf u ħames mitt Euro) kien ivverifikah mis-sistema tagħhom u kieku jara li l-valur kien għoli, jikkummenta biex jirregolaw. F'dan il-każ ma deherlux li kien għoli anzi deherlu li kien baxx. Mistoqsi mill-arbitru jassigurawx għall-ammont li jgħid l-assikurat wieġeb li iva, però f'każ ta' inċident ser iħallsu l-valur tal-karozza fis-suq fid-data tal-inċident.*

*Esebixxa Dok. JC1 u JC2, li juru li vetturi aktar antiki, tal-istess marka, u* mileage *ogħla, huma bi prezzijiet indikati fid-dokumenti. Bħala* wreck value *ġabru €3,000. L-ispiża netta tagħhom kienet ta' €11,500 ċioe wara li ġabru t-tlett elef (€3,000) tar-*wreck*. Għandhom* internal document *bħala gwida dwar il-valur li għandu jinġabar għar-*wreck*, Dok. JC3. F'dan il-każ partikolari l-gwida kienet taqa' taħt il-kategorija fejn immarka fid-Dok. JC3, però ġabru aktar minn dak li tgħid il-gwida, biex jimminimizzaw l-ispiża netta.*

9. *L-Arbitru ser jibda jikkunsidra d-diversi eċċezzjonijiet preliminari li ġew sottmessi.*

10. *Jibda biex iqis l-eċċezzjoni dwar il-kawżi ċitati li l-arbitraġġ mandatorju hu antikostituzzjonali. F'dan ir-rigward saret referenza għal diversi kawżi, ċioe* "Untours Insurance Agency Ltd u din għal Qatar Insurance Agency Company kif surrogata fid-drittijiet ta' Emanuel Gauci u l-istess Emanuel Gauci vs Victor Micallef u b'digriet tal-25 ta' Ġunju, 2008 ġew kjamati fil-kawża Saviour Micallef, Anthony Theuma u Kevin Bartolo*" (deċiża 25 ta' Mejju, 2012, Prim'Awla Kostituzzjonali),* "Joseph Muscat vs Prim Ministru et" *deċiża fid-29 ta' Mejju, 2009, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) u* "H. Vassallo & Sons Limited (C 3847) vs Avukat Ġenerali et" *(Rik. Nru. 31/08) deċiża fit-30 ta' Settembru, 2011.*

 *F'dan ir-rigward jingħad li s-sentenzi ċitati, in kwantu fuq punt kostituzzjonali,* ***huwa applikabbli*** **inter alia** ***u mhux*** **erga omnes***. Japplikaw biss għall-partijiet fil-kawża, u li kieku ma kienx hekk, kienu jitwaqqfu l-arbitraġġi mandatorji kollha.*

 *Kull każ irid jitqies fil-parametri partikolari tiegħu. Kif deċiż fil-kawża "*John Bugeja vs. Il-Provinċjal Reverendu Alfred Calleja OFM Conv bħala amministratur tal-beni tal-Provinċja tal-Franġiskani Minuri Konventwali u b'nota tal-11 ta' Marzu, 2009, il-Provinċjal Reverendu Samuel Chetcuti OFM Conv bħala amministratur tal-beni tal-Provinċja tal-Franġiskani Minuri Konventwali assuma l-atti tal-kawża minflok ir-Reverendu Alfred Calleja OFM Conv.; u b'digriet tas-6 ta' Lulju, 2009 l-Avukat Ġenerali" *(deċiża Qorti Kostituzzjonali 11 ta' Novembru, 2011) ingħad hekk:* "Tassew illi dawk is-sentenzi għandhom l-auctoritas rerum similiter iudicatarum, iżda għalihom ukoll jgħodd dak li jgħid l-art. 237 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, illi "s-sentenza ma tista' qatt tkun ta' ħsara għal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz tal-awturi jew ta' rappreżentant leġittimu tiegħu, ma jkunx parti fil-kawża maqtugħa b'dik is-sentenza ... Meta l-art. 6 tal-Kostituzzjoni jgħid illi jekk xi liġi oħra tkun inkonsistenti mal-Kostituzzjoni, il-Kostituzzjoni għandha tipprevali u l-liġi l-oħra għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett, u meta l-art. 3(2) tal-Kap. 319 jgħid illi l-liġi ordinarja għandha, sa fejn tkun inkonsistenti mal-Konvenzjoni Ewropea, ukoll tkun bla effett, dan ifisser illi dik il-liġi inkonsistenti għandha tkun bla effett għall-għanijiet tal-kawża li fiha dik l-inkonsistenza tkun dikjarata iżda tibqa' fis-seħħ għal għanijiet oħra sakemm ma tiġix imħassra b'liġi oħra jew taħt l-art. 242(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."

 *Għaldaqstant din l-eċċezzjoni ma treġġix.*

11. *Tqajmet ukoll l-eċċezzjoni li l-intimat qatt ma qabel li jassoġġetta ruħhu għall-arbitraġġ mandatorju. L-artikolu 11, Kap. 387 jipprovdi li:* "B'żieda ma' dawk imsemmija b'kull liġi oħra, il-klassijiet ta' tilwimiet imsemmija fir-Raba' Skeda huma soġġetti għall-arbitraġġ mandatorju u f'dawk il-każijiet il-partijiet għandhom jitqiesu li huma marbutin bi ftehim ta' arbitraġġ relatat ma' dawk it-tilwimiet."

    *Filwaqt li l-artikolu 11A jipprovdi li:* "Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, il-partijiet kollha f'arbitraġġ mandatorju għandu jkollhom, sakemm ma jkunux espressament ftiehmu mod ieħor bil-miktub, dritt ta' appell mid-deċiżjoni arbitrali kemm fuq fatti kif ukoll fuq punti ta' liġi quddiem il-Qorti tal-Appell kostitwita skont l-artikolu 41(9) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."

    *Il-każ in kwistjoni jaqa' taħt dak provdut fir-IV Skeda msmemija.*

    *Għalhekk ma kienx hemm meħtieġ il-kunsens ta' xi parti li tassoġġetta ruħha għall-arbitraġġ. Huma d-danni riżultanti minn kolliżjoni li jagħti lok għall-arbitraġġ mandatorju.*

12. *Qed jiġi eċċepit ukoll li l-każ ma jirrigwardax kolliżjoni bejn vetturi, in kwantu l-kolliżjoni seħħet bejn vettura u* trailer*. Dan it-*trailer *tħalla fejn tħalla wara li inġieb hemm permezz ta' żiemel.*

    *Fuq dan il-punt hemm sentenzi konfliġġenti.*

    "Fogg Insurance Agencies Limited għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Norwich Union International Insurance Ltd kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Andrew Grixti abbażi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-liġi u l-istess Andrew Grixti vs Charles Pace" *deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati fit-8 ta' April, 2008, per Mag. Consuelo Scerri Herrera, il-Qorti, fost oħrajn, qalet hekk:*

    "Minn eżami akkurat ta' dan is-sub-artikolu, jidher li donnu l-leġislatur kien qiegħed jikkontempla każ fejn, per eżempju, vettura tibqa' dieħla f'xi parapett ta' dar u tikkaġuna ħsara involontarja jew anke f'xi vettura pparkjata.

    Madankollu, fejn il-każ jittratta talba ta' sid ta' karettun, għall-ħsara li ġarrab minn vettura (diment li hu involontarju), wieħed jista' faċilment jinterpreta l-każ li jaqa' taħt paragrafu (b) u għalhekk irid isir arbitraġġ.

Però x'jiġri fejn is-sid tal-vettura jrid ifittex għall-ħsara li kkaġuna l-karettun? Fil-fehma tal-Qorti, dan il-każ ma jkunx kopert mil-liġi tal-arbitraġġ u trid issir kawża quddiem il-Qorti.

Dan ma tantx jagħmel sens, għaliex kieku kollox jiddependi fuq min intavola l-kawża."

*Filwaqt li fil-kawża fl-ismijiet:* "Fogg Insurance Agencies Limited (C 597) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u dina kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħhga Michael Pulé, u l-istess Michael Pulé vs Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Gżira u b'digriet tat-13 ta' Ottubru, 2011 l-okkju konvenut jiġi korrett għal kull fejn jirrikorri referenza għalih, b'dak tas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Gżira"*, deċiża fis-16 ta' Ottubru, 2012, mill-Qorti tal-Appell per Imħallef Raymond C. Pace, fejn intqal, fost oħrajn li:* "... il-Qorti tħoss li la darba l-pendenza odjerna hija dwar danni naxxenti minn kolliżjoni bejn żewġ vetturi mela allura din taqa' taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 387 fuq riportati."

*L-Arbitru itendi li jaqbel aktar ma' din l-aħħar deċiżjoni, u konsegwentement il-każ jaqa' taħt l-arbitraġġ manadatorju.*

13. *F'dan il-kuntest ukoll tal-paragrafu preċedenti, qed jintqal ukoll li il-*"loader" *ma jikkostitwixxix vettura għall-finijiet tal-Liġi dwar l-Arbitraġġ. Dana l-*loader *ikun akkoppjat ma' żiemel. Għalhekk ma jkunx jagħmel sens illi jekk l-inċident seħħ waqt li ż-żiemel kien għadu mal-*loader*, dan huwa vettura għall-finijiet tal-liġi, filwaqt li jekk il-*loader *tħalla hemm mill-istess żiemel, u ż-żiemel telaq, dan ma jaqax taħt definizzjoni ta' vettura. Tant huwa hekk li l-*Vehicle Accident Report *Dok. A (p2/7) jindika l-istess bħala* "trailer" *bin-numru ta' reġistrazzjoni TR 175, u* vehicle type *huwa indikat bħala* "private car"*. Għalhekk l-eċċezzjoni fir-rigward li ma kinitx kolliżjoni bejn vetturi ma treġġix.*

14. *Ingħad ukoll li dan it-Tribunal Arbitrali m'għandux kompetenza, in kwantu l-ammont ta' danni li qed jiġu investigati jeċċedu l-ammont ta' ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) kif provdut fl-Art. 19 tal-Kap. 387. F'dan il-kuntest jirriżulta li skont Kurt Saliba,* claims handler *ma' Atlas Insurance, ingħad li ċ-ċifra li l-assigurat talab lill-assigurazzjoni hi abbażi tas-*survey*, ċioe ċ-ċifra ta' €14,500.00 (erbatax-il elf u ħames mitt Euro), li minnha tnaqqas ir-*wreck value *ta' €3,000.00 (tlett elef Euro) u €100.00 (mitt Euro)* excess*, u baqa' bilanċ ta' €11,500.00 (ħdax-il elf u ħames mitt Euro). Għalhekk it-talba qed issir għall-ammont imsemmi ta' ħdax-il elf u ħames mitt Euro (€11,500) talba*

*li hija fil-limiti tal-arbitraġġ mandatorju, indipendentement mid-danni globali sofferti. L-Arbitru qed jikkunsidra biss it-talba għall-finijiet ta' dak l-ammont, indipendentement minn kwalunkwe somma oħra li ssemmiet. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni ukoll ma treġġix.*

15. *Dwar il-fatti jibda biex jingħad li skont id-Dok. CC1, il-warden niżżel li r-rikorrenti qal li kien qed idur u sab il-*loader *ma' wiċċu, it-*trailer *TR 175 ipparkjat fil-kantuniera.*

    *Jirriżulta tassew li l-imsemmi* loader *kien ġie parkeġġat viċin tal-kantuniera, iżda mhux mal-kantuniera, u dan huwa evidenzjat mir-ritratt Dok. SW4. L-istess ritratt SW4 juri li l-post huwa pjuttost imdawwal, u għalhekk il-warden ġustament niżżel fir-rapport, taħt* "Observations" – "Dark – good light". *Jirriżulta li minn fejn kien ġej ir-rikorrent hemm* "give way sign". *Ma kienx hemm* "stop sign". *Għalhekk ir-rikorrent ma kellux l-obbligu li jieqaf, iżda li jekk ma jkunx ġej traffiku, joħroġ b'kawtela kbira.*

16. *Jiġi rilevat fir-rigward ta' min ikun ħiereġ minn* give way *illi:*

    "It is the duty of all road users at all times to keep a lookout so as to avoid colliding with other road users" – Gibb – Collisions on the Highway.

    F'Camilleri vs Demicoli (Appell Sup. 27/7/1981) *ingħad li:* "Il-grad ta' diliġenza u prudenza u attenzjoni li l-utenti tat-triq laterali obbligat jeżerċita huwa li ... jesplora tajjeb it-triq li ser joħroġ fiha u saħansitra jieqaf biex u sakemm jaċċerta ruħhu li ser joħroġ bla ħsara."

    *Dana kollu mhux ħlief ripetizzjoni ta' dak li hemm fil-Highway Code fejn l-artikolu 84 jgħid "*use extra care at junctions and intersections. Stop at STOP signs." *Filwaqt li dwar il-give way sign għalkemm wieħed jista' jibqa' miexi irid jeżerċita l-kawtela opportuna.*

17. *Fiċ-ċirkostanzi, ir-rikorrent jidher li baqa' ħiereġ minn fuq il-*give way sign*, kif xehed hu stess meta qal li kien fil-karreġġata tal-*give way*, ħareġ u daħal fit-*trailer. *It-*trailer *kien wieqaf u stazzjonat fil-kantuniera tal-*give way*, u kien rasu mal-*give way. *F'dan il-kuntest ir-ritratt Dok. SW4, għalkemm juri t-*trailer *viċin tal-kantuniera, juri li ma kienx mal-kantuniera eżatt kif qed jagħti l-impressjoni r-rikorrent.*

18. *Mil-lat l-ieħor ma jirriżulta li dan it-*trailer *kellu xi dwal, li kienu jkunu desiderabbli. B'dana kollu fejn kien ipparkjat kien hemm dawl suffiċjenti.*

19. *Ir-rikorrent għalhekk, u hu u ħiereġ mill-*"give way" *ma adoperax dik li tissejjaħ* "a proper lookout" *biex jara li seta' joħroġ mingħajr ħsara, iżda baqa' ħiereġ u dieħel fit-*trailer. *It-*trailer *kien wieqaf u stazzjonat fil-kantuniera tal-*give way*, u kien rasu mal-*give way. *Dan jidher kjarament, għalhekk ir-rikorrent kieku uża d-debita diliġenza kien jinduna bih.*

20. *Għalhekk għal dan l-inċident kien jaħti unikament ir-rikorrent minħabba nuqqas ta'* proper lookout *waqt li qed jimmanuvra minn fuq* give way sign*, minħabba li ma ndunax b'dak li kien kjarament viżibbli."*

## **L-Appell**

5. Fir-rikors tal-appell imressaq mir-rikorrenti fid-9 ta' Mejju, 2024, hija talbet lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza tat-Tribunal tal-24 ta' April, 2024 fl-ismijiet premessi, u filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn ċaħdet l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mis-soċjetà appellata, tirrevoka u tirriforma dik il-parti tas-sentenza fejn ċaħdet it-talbiet tagħha fil-mertu, u fejn sabet li Stephen Wellman kien jaħti hu unikament għall-inċident u għad-danni konsegwenzjali, u ssib li s-soċjetà appellata hija responsabbli għall-inċident u għall-ħlas tad-danni konsegwenzjali inkorsi mill-appellanti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata.

6. L-appellanti spjegaw li huma ħassewhom aggravati bil-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti li sabet li Wellman kien responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża u fejn ikkundannathom għall-ħlas ta' nofs l-ispejjeż ġudizzjarji. Qalu li fejn il-Qorti tal-Appell issib li Qorti fl-ewwel istanza ma tkunx applikat il-liġi applikabbli jew applikat il-liġi ħażin, jew tkun ibbażat ruħha fuq konklużjonijiet ta' fatt li ma jirriżultawx mill-provi in atti jew li huma skorretti, il-Qorti tal-Appell tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata. L-appellanti għalhekk qajmu

erba’ aggravji ewlenin: (i) it-Tribunal ma ħax kont u injora għal kollox dawk il-liġijiet u regolamenti stradali li japplikaw għall-każ odjern; (ii) interpreta l-liġijiet b’mod żbaljat; (iii) wasal għal konklużjonijiet ta’ fatt li ma jirriżultawx mill-provi mressqa fl-arbitraġġ, u li huma skorretti; (iv) interpreta l-provi u l-fatti b’mod skorrett.

7. L-appellanti qalu li huwa importanti li wieħed jifhem il-fiżjonomija tat-toroq fejn seħħ l-inċident, u dan għaliex sussegwentement il-fiżjonomija ta’ dawn it-toroq inbidlet. Qalu li d-dokumenti esebiti minnhom fis-seduta tal-1 ta’ Ġunju, 2022, juru preċiżament kif kienu Triq Sant’Agata u Triq San Martin fid-data tal-inċident, u Stephen Wellman spjega kif huwa kien għaddej bil-vettura tiegħu minn Triq Sant’Agata u ried jaqbad il-*give-way* tax-xellug, biex imbagħad jikser lejn Triq San Martin, fejn huwa xtaq imur li kieku mhux għax ħabat fit-*trailer*. Qal ukoll li l-*give-way sign* li fuqu seħħet il-ħabta ma kinitx fi Triq Sant’Agata biss, iżda kien jibda fi Triq Sant’Agata u jkompli fi Triq San Martin, u dan huwa fatt ċar u rilevanti li ġie injorat mit-Tribunal fis-sentenza tiegħu. Qalu li kuntrarjament għal dak li assuma t-Tribunal, il-*give-way* in kwistjoni kienet tibda fi Triq Sant Agata u tispiċċa fi Triq San Martin fejn kien it-*trailer,* u fejn ried imur *lines* tal-imsemmija *give-way,* u b’hekk il-ħabta seħħet meta l-vettura ta’ Stephen Wellman. Qalu wkoll li t-*trailer* numru TR 175 kien ipparkjat fil-kantuniera fi Triq San Martin bil-parti ta’ wara tiegħu fuq il-*broken white lines* tal-imsemmija *give-way,* li tibda fi Triq Sant Agata u tkompli fi Triq San Martin. Qalu li meta kien għaddej fi Triq Sant’Agata, Stephen Wellman ma setax jara t-*trailer* ipparkjat fil-kantuniera ma’ Triq San Martin. Qalu l-*ispot of impact* kien fuq il-*broken white lines* tal-imsemmija *give-way,* u b’hekk il-ħabta seħħet meta

l-vettura ta' Stephen Wellman kienet għadha ma ħarġitx minn fuq il-*give-way.* Qalu li għalhekk it-Tribunal kien skorrett meta kkonkluda li Stephen Wellman ħareġ minn fuq il-*give-way,* għaliex mill-provi jirriżulta ċar b'mod ċar li Stephen Wellman sab it-*trailer* ma' wiċċu hekk kif kiser fuq ix-xellug waqt li kien għadu fuq il-*give-way.* Qalu wkoll li t-Tribunal kien żbaljat meta kkonkluda li t-*trailer* kien viżibbli għal Wellman, u apparti l-kwistjoni tan-nuqqas ta' dawl u sinjaletika oħra fuq it-*trailer,* huwa ċar li minn Triq Sant'Agata minn fejn kien ġej Stephen Wellman, it-*trailer* fi Triq San Martin ma kienx viżibbli.

8. L-appellanti għamlu riferiment għall-artikolu 205 tal-Kodiċi tat-Traffiku fit-Triq, li jipprovdi fir-rigward tas-sinjal tal-*give-way*: *"... suq bil-mod u ċedi d-dritta fejn hemm sinjali 'GIVE WAY'".* Qalu li Stephen Wellman xehed li huwa kien qiegħed isuq bil-mod u li ma kinux għaddejjin karozzi għal Triq San Martin li setgħu kellhom id-dritta. Qalu wkoll li Stephen Wellman ma kienx għadu ħareġ minn fuq il-*give-way* meta seħħ l-impatt, u peress li t-*trailer* kien ipparkjat fi Triq San Martin fil-kantuniera fuq il-*broken line* tal-*give-way* u mingħajr ebda dawl jew sinjaletika u bil-lejl, Wellman ma setax jarah meta kien ġej fi Triq Sant Agata, u dan minkejja li ħares lejn ix-xellug ukoll, u fil-fatt sabu ma' wiċċu hekk kif kiser fuq ix-xellug waqt li kien għadu fuq il-*give-way.* L-appellanti qalu li huma talbu lit-Tribunal jaċċedi fuq is-sit fejn seħħ l-inċident fit-18 ta' Jannar, 2023, u fl-14 ta' Ottubru, 2023, it-Tribunal laqa' din it-talba u qabel li jmur fuq il-post. Qalu li fis-sentenza appellata ma hemm ebda aċċenn għall-fatt li t-Tribunal mar fuq il-post, u li kieku t-Tribunal aċċeda fuq il-post ma kienx ikun hemm ekwivoċi dwar dan.

9. L-appellanti qalu wkoll li kuntrarjament għal dak li ddeċieda t-Tribunal, huma qatt ma allegaw u mhumiex jallegaw li t-*trailer* tal-appellata kien ipparkjat eżatt fit-tarf tar-rokna bejn Triq Sant Agata u Triq San Martin, iżda huma dejjem sostnew li t-*trailer* bil-wara tiegħu kien fil-fatt fuq il-*broken white lines* tal-imsemmija *give-way,* li tibqa' sejra fi Triq San Martin, liema *broken white lines* jinsabu ftit ċentimetri 'l bogħod mit-tarf tar-rokna ta' bejn Triq Sant'Agata u Triq San Martin. L-appellanti saħqu li jibqa' l-fatt li t-*trailer* kbir u wiesgħa tas-soċjetà appellata kien ipparkjat illegalment u b'mod perikoluż ftit ċentimetri bogħod mill-kantuniera u fuq il-*broken white lines* tal-imsemmija *give-way,* bil-lejl u mingħajr sinjaletika jew dawl fuqu. Qalu li s-soċjetà appellata mhijiex tikkontesta li t-*trailer* in kwistjoni huwa proprjetà tagħha, u li dan it-*trailer* kien jitqabbad ma' żiemel li jinstaq minn impjegati tal-istess soċjetà appellata.

10. Hawnhekk l-appellanti għamlu riferiment għas-segwenti dispożizzjonijiet tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq, li jgħidu illi:

*"232. La għandek tipparkja u lanqas tħalli l-vettura tiegħek wieqfa:*

- *Fejn mhux permess l-ipparkjar;*
- *F'distanza ta' mhux anqas minn 5 metri minn għaqda ta' toroq, kantuniera jew liwja;*
- *Ħdejn liwja jew quċċata ta' għolja ..."*

*"233.* Trailers *u l-vetturi kollha b'tagħbija li tisporġi 'l barra m'għandhomx jitħallew fit-triq bil-lejl."*

*"237. Vetturi li jieħdu tagħbija ta' piż massimu ta' madwar 7.5 tunnellati (inkluż kull* trailer*) m'għandhomx jitħallew ipparkjati fit-tarf, fuq bankina jew fuq kull art oħra li tinsab bejn il-karreġġati, mingħajr il-permess tal-pulizija. L-unika eċċezzjoni hija meta l-ipparkjar huwa essenzjali għat-tagħbija jew ħatt, f'liema każ il-vettura m'għandhiex titħalla mingħajr għassa."*

11. L-appellanti qalu li mir-ritratti u mix-xhieda in atti, għandu jirriżulta li l-appellata kisret ir-regolamenti kollha fuq ċitati. Qalu li t-*trailer* in kwistjoni kien ipparkjat f'distanza ta' anqas minn 5 metri minn għaqda ta' toroq, kantuniera jew liwja, ħdejn liwja, u fejn mhux permess l-ipparkjar. Qalu wkoll li dawn it-*trailers* tant huma ta' periklu li lanqas biss suppost jitħallew barra bil-lejl, jew fit-tarf tat-triq, u li kienet l-inosservanza ta' dawn ir-regoli li kienet il-kawża immedjata, prossima u unika tal-akkadut, u b'hekk l-appellata kienet manifestement responsabbli għall-inċident u għad-danni konsegwenzjali. L-appellanti qalu li huma ma jistgħux jifhmu għal liema raġuni t-Tribunal injora dawn il-provvedimenti tal-liġi, li ġew miksura manifestement mis-soċjetà appellata, u li konsegwenza ta' dan seħħ l-inċident, iżda ma sabx li s-soċjetà appellata kienet responsabbli għall-akkadut.

12. L-appellanti qalu li mill-provi rriżulta li l-inċident in kwistjoni seħħ fid-disgħa nieqes kwart ta' filgħaxija f'Diċembru meta kien id-dlam, u mill-provi jirriżulta wkoll li t-*trailer* la kellu dawl u lanqas sinjaletika fuqu, filwaqt li l-appellata ħalliet it-*trailer* ipparkjat bi traskuraġni u b'mod illegali f'post perikoluż u filgħaxija. Qalu wkoll li għalkemm it-Tribunal ikkonkluda li fit-triq kien hemm dawl suffiċjenti għaliex mir-ritratti esebiti jidher li hemm *street light* fi Triq San Martin, dan id-dawl qiegħed 'il ġewwa ħafna fi Triq San Martin, u saħansitra qabel it-*trailer.* Qalu wkoll li l-għoli u l-wisa' tat-*trailer* kien qed jimblokka d-dawl tal-i*street light* għal min ikun ġej minn Triq Sant'Agata, u l-istess *street light* ma kienx qed jagħti dawl għan-naħa ta' wara tat-*trailer* partikolarment għal min ikun ġej minn Triq Sant'Agata bħal ma kien ġej Stephen Wellmann.

13. L-appellanti saħqu li huwa evidenti li l-inċident seħħ minħabba traskuraġni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti min-naħa tas-soċjetà appellata, u li hija responsabbli għall-inċident in kwistjoni u għad-danni konsegwenzjali inkorsi mill-appellanti. Qalu li r-responsabbilità tas-soċjetà appellata għall-akkadut hija diretta, anki *ai termini* tal-artikolu 1031, 1032(1) u 1033 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalu li s-soċjetà appellata kienet responsabbli għat-*trailer* tagħha u kienet negliġenti u traskurata meta ħallietu f'kantuniera bla dawl u mingħajr sinjaletika, filwaqt li naqset ukoll mill-obbligu ta' osservanza tar-regolamenti. L-appellanti qalu li s-soċjetà appellata hija responsabbli wkoll mill-aġir tal-impjegati tagħha *ai termini* tal-artikolu 1037 tal-Kodiċi Ċivili, u għalhekk għandu jiġi stabbilit li t-Tribunal kien żbaljat meta ċaħad it-talbiet tagħhom fi-mertu, u sab li Stephen Wellman kien unikament responsabbli għall-inċident *de quo.*

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

14. Is-soċjetà appellata wieġbet li Stephen Wellman xehed li kien qiegħed isuq il-vettura Renault Captur WLM-002 meta niżel minn Triq Sant Agata ż-Żurrieq fejn hemm *roundabout* impinġija mal-art, u hemm *give-way* minn fejn kien ħiereġ. Qalet li l-appellant Stephen Wellman xehed li ħareġ mill-karreġġata u daħal fit-*trailer,* li kien wieqaf fil-kantuniera tal-*give way,* u naqqas mill-veloċità iżda ma waqqafx il-vettura. Is-soċjetà appellata qalet li Stephen Wellman xehed li l-inċident seħħ meta kien diġà dalam, imma huwa kellu d-dawl tal-vettura tiegħu mixgħul, u fil-*give way* irrallenta, u ħares lejn ix-xellug u anki

lejn il-lemin, iżda meta ħares lejn ix-xellug, qal li ma kienx hemm *trailer.* Is-soċjetà appellata qalet li l-appellanti qalu li fil-*Vehicle Accident Report,* Stephen Wellman iddikjara li kien qiegħed idur, u sab it-*trailer* ma' wiċċu, li kien ipparkjat fil-kantuniera. Is-soċjetà appellata qalet li Stephen Wellman ippreżenta diversi ritratti li ħa huwa stess, u minn dawn ir-ritratti li ttieħdu eżatt wara li seħħ l-inċident, għandu jirriżulta li minkejja li kien hemm id-dlam, fejn seħħ l-inċident hemm dawl pubbliku kemm fuq il-bankina u kif ukoll fuq in-naħa opposta tat-triq. Is-soċjetà appellata qalet li mir-ritratt SW4, jidher li kien hemm dawl biżżejjed biex wieħed jara kemm il-karru kif ukoll il-vetturi l-oħra li kien hemm ipparkjati, kif ukoll il-bini, u mhux minnu li l-karru kien biss ftit ċentimetri bogħod mill-kantuniera, għaliex mir-ritratt SW4 jirriżulta li l-karru kien tal-anqas żewġ metri jew aktar bogħod mill-kantuniera, filwaqt li fi Triq Sant Agata kien hemm ukoll vettura pparkjata ftit 'l isfel mill-kantuniera.

15. Is-soċjetà appellata qalet li għaliha xehed biss Melvin Agius, li fid-data tal-inċident kien għadu impjegat magħha. Qalet li hija ma kienet taf xejn bl-inċident, u kien biss xahrejn wara, fi Frar 2021, li sar l-ewwel kuntatt magħha, meta Melvin Agius ikkonferma li t-*trailer* bin-numru TR 175 huwa proprjetà tagħha. Agius xehed ukoll li l-kumpannija kienet ġiet inkarigata bħala burdnara minn RZ Limited biex iġorrulha *bricks* li kienet xtrat sabiex jeħduhomlha maġenb it-*tower crane* fejn is-sit fejn kien qiegħed isir xi xogħol fiż-Żurrieq. Agius xehed li meta sar jaf bl-inċident, mar jara fuq il-post tal-inċident, u sab li t-*trailer* kien madwar 300 metru bogħod mis-sit proprju fejn kien qiegħed isir ix-xogħol, u l-kumpannija ma kellhiex *record* dwar min kien ix-xufier li ġibed it-*trailer* dakinhar. Qal ukoll li t-*trailer* mhux bilfors instaq minn żiemel tal-intimata.

16. Is-soċjetà appellata qalet li dak li qegħdin jitolbu l-appellanti huwa li din il-Qorti tbiddel l-apprezzament tal-provi li għamel it-Tribunal, u dan meta l-Qorti tal-Appell hija qorti ta' reviżjoni, u bħala regola ma tissostitwixxix l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet impellenti biex isir dan, anki sabiex jiġi evitat li ssir inġustizzja ċara. L-appellati qalu li l-apprezzament fil-mertu li sar mit-Tribunal huwa korrett, u l-konklużjonijiet li dan wasal għalihom, jaqgħu fil-parametri tal-liġi fuq il-fatti riżultanti, u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex tissostitwixxi l-fehma tagħha għal dik tat-Tribunal.

17. Is-soċjetà appellata qalet li filwaqt li l-appellanti jgħidu li dan kien inċident awtomobilistiku, u għalhekk ikkwalifikaw din it-tilwima bħala kolliżjoni bejn vetturi, min-naħa l-oħra hija dejjem saħqet li fit-18 ta' Diċembru, 2021 hija ma kienet involuta fl-ebda kolliżjoni bejn vetturi, u ma kienet qiegħda ssuq ebda vettura meta seħħ l-inċident bejn il-vettura misjuqa minn Stephen Wellman u t-*trailer* bin-numru TR 175. Is-soċjetà appellata qalet li l-uniku xhud fil-mument tal-inċident kien l-appellant Stephen Wellman, u t-*trailer* li jgħid li ħabat miegħu kien wieqaf, ipparkjat mal-ġenb ta' Triq San Martin, u ma kienx marbut ma' żiemel biex jiġbdu. Fuq il-post ma kien hemm ħadd iżjed, u filwaqt li s-soċjetà appellata ma ċaħditx li hija s-sid tat-*trailer,* huwa ċar li hija ma kinitx qiegħda ssuq it-*trailer*, u għalhekk hija ma setgħetx kienet involuta fl-inċident innifsu. Qalet li kolliżjoni tat-traffiku sseħħ bejn żewġ vetturi, meta jkun hemm ir-responsabbilità tas-sewwieqa li jkollhom kontroll tal-vetturi. Qalet li korp morali bħal ma hija l-kumpannija intimata, ma tistax tkun 'sewwieqa'. Is-soċjetà appellata qalet li konxji minn din id-diffikultà f'dan l-istadju tal-appell, l-

appellanti qegħdin iqajjmu mill-ġdid il-kwistjoni tar-responsabbilità għall-inċident minħabba *culpa in vigilando* jew minħabba *culpa in eligendo,* u għalhekk huma l-appellanti stess li qegħdin joħorġu mill-ambitu tal-arbitraġġ mandatorju magħżul minnhom stess, u jibbażaw il-pretensjoni tagħhom fuq ir-responsabbilità indiretta tas-soċjetà appellata, u mhux minħabba xi negliġenza tagħha proprju. Is-soċjetà appellata qalet li hija lanqas biss kienet taf bl-inċident, u saret taf bih għall-ewwel darba madwar xahrejn wara li kien seħħ. Qalet li x-xhud Melvin Agius, mhux kontradett, xehed li t-*trailer* kien ordnat minn RZ Limited biex jieħu konsenja ta' briks f'sit 300 metru bogħod minn fejn seħħ l-inċident, u ħadd ma spjega kif dan ma kienx ħdejn is-sit fejn kien qiegħed isir ix-xogħol u fejn saret il-konsenja. Is-soċjetà appellata qalet li lanqas ma rriżulta li kien xi sewwieq tagħha li pparkja t-*trailer* f'dak il-post, għaliex it-*trailer* seta' faċilment ġie mċaqlaq permezz ta' xi żiemel ieħor. Qalet ukoll li hija ma kinitx infurmata fi żmien utili sabiex setgħet tistabbilixxi x'ġara. Is-soċjetà appellata qalet li jekk l-appellanti dehrilhom li hija għandha xi responsabbilità *in vigilando,* huma kellhom iġibu prova li hija naqset b'xi mod jew li kisret xi dmir impost fuqha bil-liġi, u l-istess jgħodd jekk qegħdin jippretendu li hija għandha responsabbilità *in eligendo* minħabba li impjegat xi persuna mhux ta' ħila.

18. Is-soċjetà appellata saħqet li l-kawża prossima tal-inċident kienu n-negliġenza u n-nuqqasijiet ta' Stephen Wellman u ta' ħadd aktar, u mix-xhieda ta' dan l-aħħar, għandu jirriżulta li huwa ma kienx qiegħed iżomm *a proper lookout,* u l-attenzjoni li wieħed jistenna minn kull sewwieq fit-triq. Qalet ukoll li dan il-fatt joħroġ ċar minkejja li f'partijiet tax-xhieda tiegħu Stephen Wellman ma jgħidx il-verità. Qalet li Stephen Wellman ipprova jiġġustifika l-ħabta għaliex

kien id-dlam, imma meta ġie mistoqsi dwar id-dwal tal-vettura tiegħu, huwa ikkonferma li dak il-ħin kellu d-dawl tal-karozza mixgħul. Fil-*Vehicle Accident Report,* ġie reġistrat ukoll li fejn seħħ l-inċident kien hemm dawl tajjeb *(good light)*, u mir-ritratti li ħa Stephen Wellman, għandu jirriżulta li kien hemm dawl pubbliku tajjeb kemm fuq il-bankina fejn kien ipparkjat it-*trailer,* u anki fin-naħa opposta tat-triq. Is-soċjetà appellata qalet li Stephen Wellman seta' jara kollox, anki li kieku kien qed isuq mingħajr id-dawl tal-vettura tiegħu. Qalet li naturalment bil-*headlamps* tal-vettura mixgħulin, bilfors li kellu jara dak kollu li kien hemm quddiemu. Is-soċjetà appellata qalet li Stephen Wellman kull ma ried jagħmel kien li jsuq b'kawtela, speċjalment huwa u ħiereġ minn inkroċju għal ġo triq oħra, u jħares u jara dak li kien hemm. Qalet li d-dlam jew in-nuqqas ta' dawl, huma biss skuża tal-appellanti f'tentattiv biex jiġġustifikaw in-nuqqas ta' Stephen Wellman li ma rax dak li kien viżibbli. Is-soċjetà appellata tgħid li l-appellanti jibnu argument ukoll madwar il-fatt li skont huma, Wellman kien għadu fuq il-*give way* meta ħabat, u t-*trailer* kien ipparkjat in parti fuq il-*give way.* Qalet li lanqas hawnhekk ma ntqalet il-verità, għaliex mir-ritratt SW4 jidher ċar li għalkemm il-karru bil-bricks kien ipparkjat viċin il-kantuniera, mhux veru li dan kien ftit ċentimetri lura mill-kantuniera. Qalet wkoll li fuq ix-xellug tar-ritratt tidher ukoll vettura pparkjata viċin il-kantuniera fi Triq Sant Agata. Qalet li dan ifisser li hu u nieżel minn Triq Sant Agata, Stephen Wellman kellu bilfors iżomm 'il barra mill-kantuniera b'mod li qabel dar, li kieku kien attent, ma setax ma jarax it-*trailer.* Qalet li Stephen Wellman jinsisti li meta ħares lejn ix-xellug ma rax it-*trailer,* u din id-dikjarazzjoni dejjem tqieset mill-Qrati tagħna bħala prova li persuna tkun naqset milli żżomm *proper lookout.* Is-soċjetà appellata qalet li

kieku Stephen Wellman verament ħares lejn ix-xellug, dan ma setax ma jarax it-*trailer,* għaliex it-*trailer* hemm kien, u fl-inħawi kien hemm dawl adegwat biex dan ikun viżibbli. Is-soċjetà appellata qalet li għandu jirriżulta li Stephen Wellman kien għaddej b'veloċità ferm aktar milli ddikjara, u ma kienx qiegħed iżomm *a proper lookout,* u għalhekk dan dar lejn ix-xellug mingħajr ma ħa l-prekawzjonijiet xierqa, u b'hekk ma rax dak li kien hemm.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

19. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanti fir-rikors tal-appell tagħhom, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellata

*L-Ewwel Aggravju:* *[It-Tribunal ma ħax kont u injora għal kollox dawk il-liġijiet u regolamenti stradali li japplikaw għall-każ]*

20. L-appellanti jgħidu li fil-konsiderazzjonijiet tiegħu, it-Tribunal naqas milli jikkunsidra l-liġijiet stradali li kellhom jiġu kkunsidrati fl-evalwazzjoni taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, ċjoé l-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq. Jgħidu li t-Tribunal lanqas ma kkunsidra l-fatt li l-inċident seħħ waqt li Stephen Wellman kien għadu fuq il-*give-way sign,* u kien hemmhekk fejn seħħ l-impatt, għaliex sab it-*trailer* ma' wiċċu fil-ħin li huwa kien qiegħed idur fuq ix-xellug. L-appellanti saħqu li t-*trailer* ma kellux jitħalla wieqaf ftit metri bogħod mill-kantuniera, mingħajr ebda sinjaletika jew dawl li jindikaw li kien hemm vettura ta' dak il-kobor imħollija fit-

triq, u dawn huma kollha punti fattwali li t-Tribunal injora fil-konsiderazzjonijiet tiegħu. Fil-fatt it-Tribunal ikkonkluda li kien hemm nuqqas ta' *proper lookout* min-naħa ta' Wellman, u kien dan in-nuqqas ta' *proper lookout* li wassal għall-inċident.

21. Din il-Qorti tqis li mhuwiex minnu li bejn il-partijiet hemm qbil li t-*trailer* tħalla f'dak il-post partikolari wara li nġibed minn żiemel misjuq minn impjegati tas-soċjetà appellata. Kien is-sewwieq taż-żiemel jew tal-vettura li wassal it-*trailer* fuq il-post, li baqa' ma ġiex identifikat, u ma tressqet l-ebda prova li kien impjegat tas-soċjetà appellata li ħalla t-*trailer* in kwistjoni pparkjat f'distanza li aktarx li kienet aqsar minn dik stabbilita fil-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq, Din il-Qorti tqis li l-fatt li x-xufier Stephen Wellman kien qiegħed jikser lejn ix-xellug, u t-*trailer* tħalla fuq ix-xellug tat-triq, xorta waħda kien hemm lok fejn dan jinduna bit-*trailer* minn ferm qabel ma baqa' dieħel fih. Minkejja l-allegazzjonijiet ta' Stephen Wellman li fil-ħin tal-inċident ma kienx hemm dawl adegwat fit-triq, xorta waħda jibqa' l-fatt li huwa stess ammetta li dak il-ħin kellu d-dawl tal-vettura tiegħu mixgħul, u li kien irrallenta minħabba li kien qiegħed javviċina l-*give-way sign.* Dan kellu jippermettilu ħin biżżejjed biex jinduna li fuq ix-xellug tat-triq kien hemm *trailer* wieqaf. Barra minn hekk, m'hemm l-ebda ness ta' kawżalità li ġie ppruvat li fil-fatt kienu ħaddiema tas-soċjetà appellata li ħallew it-*trailer* f'din il-parti tat-triq, jew li kienu huma li wassluh f'dak il-post. Mill-provi jirriżulta li t-*trailer* kien mimli *bricks* u dan kien tħalla hemm ad istanza ta' terzi li kienu qegħdin jagħmlu xogħol ta' kostruzzjoni f'sit aktar 'l isfel fit-triq. Ma ġiex ippruvat min kien li ta l-istruzzjonijiet sabiex dan it-*trailer* jitħalla f'dan il-post, proprju f'distanza ta' madwar 300 metru 'l bogħod mis-sit ta' kostruzzjoni

msemmi, jew min kien li wassal it-*trailer* f'dan il-post. Għaldaqstant u in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti mhijiex sejra tilqa' dan l-aggravju.

*It-Tieni Aggravju:* *[It-Tribunal interpreta l-liġi b'mod żbaljat]*

22. L-appellanti saħqu li t-Tribunal għamel interpretazzjoni skorretta tal-liġi applikabbli, senjatament tal-Kodiċi tat-Traffiku fit-Triq, li jispeċifika li vettura m'għandhiex titħalla wieqfa f'distanza ta' anqas minn ħames metri minn għaqda ta' toroq jew minn kantuniera, u li *trailers* m'għandhomx jitħallew fit-triq bil-lejl, u dawn għandhom tal-anqas ikunu mgħassa. L-appellanti saħqu li t-Tribunal injora dawn id-dispożizzjonijiet tal-liġi, u fi kwalunkwe każ kienet l-inosservanza ta' dawn ir-regoli li wasslet għall-akkadut u għad-danni konsegwenzjali.

23. Il-Qorti, filwaqt li tirrileva li hemm punti li dwarhom l-appellanti jistgħu jkunu korretti, bħall-fatt li t-*trailer* ma kienx mgħasses bil-lejl, u ma kien hemm l-ebda sinjaletika sabiex tindika l-preżenza tiegħu fit-triq, imma fl-istess waqt imkien ma ġie stabbilit li kienet is-soċjetà appellata li ħadet id-deċiżjoni li tħalli l-imsemmi *trailer* f'dak il-post partikolari, jew li kienet hi li wasslitu f'dak il-post. Il-fatt li esponenti tas-soċjetà appellata ġew a konjizzjoni ta' dan l-inċident madwar xahrejn wara li kien seħħ, u kellhom jiffamiljarizzaw ruħhom mal-każ għaliex ma kinux edotti mill-fatti, huwa minnu nnifsu indikattiv li m'hemmx in-ness meħtieġ bejn l-aġir tas-soċjetà appellata u l-allegata traskuraġni jew negliġenza min-naħa tagħha jew ta' xi impjegat tagħha. Il-Qorti tirrileva li dan mhuwiex każ tipiku ta' kolliżjoni bejn żewġ vetturi li kienu qegħdin jinstaqu, fejn ikun hemm żewġ sewwieqa li setgħu faċilment jiġu identifikati, imma dan huwa

każ fejn persuna baqgħet dieħla f'*trailer* wieqaf, f'ċirkostanzi fejn ma ġiex stabbilit min kien li ħalla t-*trailer* fil-post fejn seħħ l-inċident. Għaldaqstant, il-Qorti tqis li anki dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-Tielet Aggravju:* *[It-Tribunal wasal għal konklużjonijiet ta' fatt li ma jirriżultawx mill-provi mressqa fl-arbitraġġ, u li huma skorretti]*

24. L-appellanti spjegaw li l-inċident seħħ meta kien diġà dalam, u minkejja li kien hemm żewġ *street lights* fi Triq San Martin, waħda minnhom kienet mgħottija mill-istess *trailer,* u l-oħra kienet aktar 'l isfel fl-istess triq, sabiex b'hekk ma jistax jingħad li kien hemm dawl adegwat fit-triq. Qalu wkoll li mat-*trailer* ma kien hemm l-ebda sinjaletika, u dan tħalla pparkjat b'mod traskurat u illegali f'distanza viċin il-kantuniera tat-triq, b'tali mod li s-sewwieq Stephen Wellman ma setax jinduna bih.

25. Il-Qorti diġà għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dan il-punt. Iżżid tgħid biss illi li kieku Stephen Wellman kien verament qiegħed iżomm *proper lookout,* u tassew kien naqqas il-veloċità tal-vettura tiegħu, dan ċertament li ma kienx jikkawża d-danni estensivi li ġarrab fuq il-vettura tiegħu. L-impatt u l-konsegwenzi tal-impatt, jindikaw li Stephen Wellman kien għaddej b'ċerta veloċità, li hija aktar minn dik li normalment iżomm min ikun ħiereġ minn fuq *give-way sign.* Il-fatt li Stephen Wellman ma ntebaħx bit-*trailer* qabel daħal fih, ukoll jindika li dan ma kienx qiegħed iżomm *proper lookout,* u minkejja li jgħid li ħares kemm lejn il-lemin kif ukoll lejn ix-xellug qabel daħal fi Triq San Martin,

dan ma jistax ikun minnu, għaliex kieku t-*trailer* kien jarah. Anki kieku stess id-dawl fit-triq kien wieħed batut, Stephen Wellman ikkonferma fix-xhieda tiegħu li fil-ħin tal-inċident huwa kellu d-dawl tal-vettura tiegħu mixgħul, u għalhekk ma jistax jinħeba wara l-iskużanti li d-dawl tat-triq kien parzjalment moħbi jew ma kienx jidher, għaliex mill-fatti kif jirriżultaw, partikolarment mir-ritratti esebiti li ttieħdu minn Stephen Wellman innifsu ftit tal-mumenti wara li seħħ l-inċident, jidher li dan ma kienx il-każ. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu

*Ir-Raba' Aggravju:* *[Interpretazzjoni skorretta tal-fatti u tal-provi]*

26. L-appellanti jgħidu li it-Tribunal għamel interpretazzjoni skorretta tal-provi u tal-fatti kif seħħew, u kellu jkun evidenti li kien hemm element ta' traskuraġni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti min-naħa tas-soċjetà appellata sabiex seħħ l-inċident. Jgħidu li kienet is-soċjetà appellata li kienet responsabbli għat-tħollija tat-*trailer* fil-post tal-inċident, u fi kwalunkwe każ hija għandha tinżamm responsabbli għall-aġir tal-impjegati tagħha.

27. Il-Qorti għal darb'oħra tirrileva li fil-każ odjern mhuwiex ċar u bl-ebda mod ma ġie stabbilit min kien li ħalla t-*trailer* in kwistjoni fil-post fejn seħħ l-inċident, u jekk per eżempju dan iċċaqlaqx wara li twassal fuq il-post. Lanqas ma jirriżulta mill-provi jekk kinux il-ħaddiema tas-soċjetà appellata li wasslu t-*trailer* fil-post tal-inċident. Fil-fatt is-soċjetà appellata saret taf bl-inċident madwar xahrejn wara li seħħ, b'tali mod li kien ferm diffiċli għaliha li tistabbilixxi l-fatti kif seħħew. In vista ta' dan in-nuqqas fil-provi, u l-fatt li mill-provi ma jirriżultax

kif it-*trailer* twassal u tħalla fil-post tal-inċident, din il-Qorti, bħat-Tribunal qabilha, ma tistax taddebita l-ħtija għall-akkadut fuq is-soċjetà appellata, li għalkemm hija s-sid tat-*trailer,* imma mhuwiex ċar għal xiex qiegħda tintalab twieġeb jew tinżamm responsabbli, ladarba ma ġiex stabbilit li kienu ħaddiema tagħha li wasslu dan it-*trailer* fil-post tal-inċident jew li ħallewh hemm mingħajr għassa, dawl jew sinjaletika. Li huwa ċar però huwa li l-assikurat tas-soċjetà appellanta kellu jintebaħ bit-*trailer,* li kieku kien qiegħed josserva r-regoli tat-triq, u kien qiegħed isuq f'veloċità li tippermettilu jieqaf f'każ li jsib xi ostakolu ma' wiċċu. Il-Qorti tqis li dan l-ostakolu seta' jinduna bih biss f'każ li kien qiegħed iżomm *proper lookout,* u mhux jiddefendi lilu nnifsu billi jgħid li minkejja li ħares kemm lejn in-naħa tax-xellug kif ukoll lejn in-naħa tal-lemin tat-triq, huwa baqa' ma ndunax bit-*trailer* in kwistjoni. Għaldaqstant tqis li anki dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell odjern, billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tal-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**